MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2808/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Melita Cable Television Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Melita Cable Television Ltd**

**Vs**

**Luciano Busuttil**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1273.78 (elf mitejn tlieta u sebghin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti ta' danni kkagunati f'incident awtomobilistiku fil-Marsa.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tad-19 ta' Dicembru, 2000, fil-Marsa, bejn il-vettura bin-numru KAA 872 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru TFD 348 misjuqa minn Oliver Attard u proprjeta' tas-socjeta` attrici Melita Cable Television Ltd, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) 'Excess' imhallsa mis-socjeta` attrici Melita Cable Television Ltd. li kienet assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April, 2002, u bl-imghax pagabbli mill-11 ta' April, 2002, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Dak li talbu l-attruri ghandu jigu michud bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-konvenut.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi 'ex admissis' sia ta' Oliver Attard- is-sewwieq tal-vettura attrici u sia tal-konvenut, huwa gja wieqaf meta l-konvenut dahal fil-vettura ta' quddiemu. Il-kontestazzjoni hija kemm il-konvenut ghandhu jhallas in vista tal-fatt li vettura ohra dahlet ukoll fuq wara tal-konvenut.

Illi huwa principju bazilari li min jallega jrid jipprova l-kaz tieghu. Stava ghall-atturi li jippruvaw li d-danni kagunati fil-vettura assigurata kien jahti ghalihom l-istess konvenut. Din il-prova hija monka. Il-provi prodotti jistabilixxi x' gara

u x' gie kagunat- pero' l-entita hija nieqsa fejn tidhol l-intervent tal-konvenut.

It-Tribunal irid jiddeciedi a bazi ta' probabilita mhux possibilita. Ma giex pruvat xi vexus ghal hsara ta' fuq quddiem.

Ic-certezza hija fuq id-daqqa u hsara ta' wara. Din tirrizulta mid-dokumenti esibita a Fol 22 u 24 li din tammonta ghal tmien mitt Lira u ghaxar centezmi (Lm800.10).

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni konvenut, tilqa it-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' tmien mitt Lira u ghaxar centezmi (Lm800.10) bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjes in vista tac-cirkostanzi jibqghu bin-nofs bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------